MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 100/2005

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici li permezz taghha wara li ppremettiet illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta’ Awissu 1998; illi l-hajja konjugali giet resa mpossibli minhabba swat, mohqrija, sevizzi gravi u theddid kontinwu, adulterju, vjolenza kemm morali kif ukoll fizika kommessi da parti tal-konvenut u inkompatibilita ta' karattru, illi miz-zwieg ma twieldux tfal u li l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali, talbet li din il-Qorti:-

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Tiffissa retta alimentari pagabbli bhala manteniment mill-konvenut lill-attrici.
3. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonjiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.
4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.
5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiexjirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn.

6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-proprjeta kollha taghha parafernali jew il-valur taghha."

Rat id-dikjazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokumenti tal-attrici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:-

1. "Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici u ghalhekk in vista ta' dan huwa ma ghandux isofri spejjez.

2. Illi l-eccipjenti apparti li jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s- separazzjoni personali bejn il-kontendenti huwa qatt ma cahhad jew xekkel lill-attrici mid-drittijiet taghha, izda hija ghazlet li tipprocedi ulterjorment b'din l-istanza, u ghalhekk huwa ma ghandux isofri spejjez.

3. Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici, li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju eccessi sevizzji minaccji u ingurji gravi kontra l-eccipjenti kif ser jirrizulta ahjar waqt it-tratazzjoni tal-kawza.

4. Illi di piu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess it-tielet (3) talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikoli indikati mill-attrici ma humiex applikabbli fil-kaz odjern.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici tat-13 ta’ Frar 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attrici xehdet li lill-konvenut kienet ilha tafu madwar sena u nofs qabel izzewgu. Fil-bidu taz-zwieg marru jghixu ghand omm l-attrici imbaghad xi sena u nofs wara stabbilew id-dar matrimonjali ghalihom. Meta zzewgu l-attrici kienet tqila minn ragel iehor, fatt maghruf mill-konvenut li accetta li jizzewwigha u jrabbu lit-tarbija li kienet gejja qiesha taghhom it-tnejn. Il-partijiet damu jghixu flimkien ghal madwar hames snin u nofs izda imbaghad, skont l-attrici, il-konvenut beda johrog mal-hbieb. L-attrici ippruvat tkellmu dwar dan izda ma riedx jaf. Ghalhekk hi ukoll bdiet tohrog mal-hbieb taghha u fuq dan kien ikollhom xi jghidu spiss. Fl-ahhar l-attrici spiccat biex telqet mid-dar u marret tghix band’ohra bit-tfal.

Tghid li mir-ragel ma trid xejn ghaliex fiz-zwieg ma akkwistaw xejn. Id-dar matrimonjali kienet b’kera li kienet issejjah lill-konvenut minn qabel ma zzewgu. Kellha xi effett mobbli taghha li hadithom bil-kunsens tal-kovenut qabel istitwit din il-kawza.

Iddikjarat illi ghalkemm taf li l-konvenut ghandu vettura fuq ismu hija ma riedet xejn minnha. Tghid illi ippruvat

tiftiehem mal-konvenut dwar separazzjoni bonarja izda ma waslux peress li ma riedx ihallasha manteniment.

In kontro-ezami l-attrici ddikjarat li ma qed tippretendi l-ebda manteniment ghat-tifel Jake peress li taf li mhux iben il-konvenut.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut ikkonferma li meta izzewweg lill-attrici hija kienet gia tqila minn ragel iehor u hu kien konxju ta’ dan il-fatt u accettah.

Il-konvenut spjega illi fil-bidu taz-zwieg ma kienx hemm problemi partikolari bejniethom. Jghid pero’ li meta t-tifel beda jmur l-iskola l-attrici bdiet ta’ kuljum tmur ghand habiba taghha minn wara li twassal it-tifel l-iskola u ddum ghandha sakemm it-tifel jigi biex jispicca mill-iskola. Id-dar ma baqghatx tiehu hsiebha minhabba l-hinijiet twal li kienet tqatta’ barra mid-dar. Jghid li meta kien jasal lura d-dar wara gurnata xoghol ghal habta tat-tlieta u kwart ta’ wara nofsinhar ma kien isib xejn lest id-dar, la ikel u lanqas tindif tad-dar.

Jghid li dwar l-abbandun tad-dar da parti tal-attrici kienet kelmitha anke ommha izda kien kollu ta’ xejn. Xi zmien wara l-attrici telqet mid-dar matrimonjali bit-tifel u marret toqghod ghand il-habiba taghha. Minn dak inhar il-konvenut waqaf jghaddilha manteniment ghaliex kienet telqet mid-dar.

Jichad li kien johrog mal-hbieb wara x-xoghol. Jispjega li xoghlu kien ta’ bennej u ghalhekk ma kienx skont hu possibbli li wara gurnata xoghol johrog.

Jikkonferma li ma hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Jikonferma wkoll li ma hu qed ihallas l-ebda manteniment ghall-minuri stante li hemm qbil bejn il-partijiet li dan it-tifel ma hux tal-konvenut kif fuq spjegat.

**Konsiderazzjonijiet**.

Jirrizulta illi meta l-partijiet izzewgu, l-konvenut kien jaf li l-attrici kienet qed tistennija tarbija minn ragel iehor. Il-gest tal-konvenut li jaccetta li jizzewweg lill-attrici meta kien jaf li qed tistenna tarbija minn haddiehor huwa gest lodevoli ghaliex kien intiz sabiex jaghti lit-tarbija li kien ghad trid titwieled ambjent ta' familja li altrimenti kien ser ikun nieqes.

Jidher li ghalkemm fl-ewwel snin taz-zwieg tal-partijiet ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet tajba, maz-zmien kif jinghad bil-lingwa Ingliza, "they started to drift apart", sakemm fl-ahhar l-attrici telqet mid-dar matrimonjali.

Kull parti titfa l-htija ghat-tkissir taz-zwieg taghhom fuq il-parti l-ohra. Il-Qorti pero' hi tal-fehma li ghat-tkissir taz-zwieg jahtu it-tnejn ghaliex m'gharfux ifittxu ghajnuna meta il-kwistjonijiet ta' bejniethom kienu ghadhom fil-bidu.

Ghar-ragunijiet fuq spejgati l-attrici ma qed titlob l-ebda manteniment ghat-tifel minuri stante li hemm qbil li dan it-tifel ma hux tal-konvenut. L-attrici pero' qed titlob manteniment ghaliha personali. Ghandu jinghad li l-attrici naqset milli tressaq provi fir-rigward. Ma gabet l-ebda prova ta' x'inhu l-impieg attwali tal-konvenut u x'inhu l-introjtu attwali tieghu. Lanqas resqet provi dwar il-htigijiet taghha u x'tentativi ghamlet sabiex issib impieg. Dawn in-nuqqasijiet jimpedixxu lill-Qorti milli tikkonsidra favorevolment it-talba attrici ghall-manteniment taghha personali.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qieghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' parzjalment l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet u:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici, tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahtu iz-zewg partijiet f'sehem indaqs.

2. Tichad it-tieni u t-tielet talba attrici.

3. Tilqa' r-raba' talba, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti x'jigu likwidati.

4. Tichad il-hames u s-sitt talba attrici.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------